MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Numru. 1121/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin Pulis]**

**vs**

**Daniel Siyum**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Daniel Siyum detentur tal-karta tan-numru tal-Pulizija 13L-001

Akkuzat talli:
1. Fit-12 ta’ Novembru 2013, ghall-habta ta’ 19:15 hrs gewwa Tent Village, Hal-Far, limiti ta’ Birzebbugia, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta ohra li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` PS267 anthony John Cassar u PC345 Mark George Cremona,

filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS267 Anthony John Cassar u PC345 Mark George Cremona, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom, kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-isess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija.
Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat li l-imputat ammetta ghall-akkuzi fil-konfront tieghu u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 96 u 338(ee) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Daniel Siyum hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qed tikkundannah ghal hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------